



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15934/23

CSDP/PSDC 795
CFSP/PESC 1589
COAFR 417
CONUN 296
ATALANTA 18
PSC DEC 58
EUMC 489

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1457 (EUNAVFOR ATALANTA/4/2023)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA' (PESK) 2023/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea
bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan
u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA),
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1457
(EUNAVFOR ATALANTA/4/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA',

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1457¹, li taħtar lill-Viċi Ammirall Fabrizio RUTTERI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (3) Fid-29 ta' Settembru 2023, l-awtoritajiet militari Portugiżi pproponew il-ħatra tal-Komodor Rogério Paulo Figueira MARTINS de BRITO biex jieħu post il-Viċi Ammirall Fabrizio RUTTERI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE mit-2 ta' Diċembru 2023.
- (4) Fis-6 ta' Ottubru 2023, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' NAVFOR ATALANTA appoġġa dik il-ħatra proposta.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/1457 tat-13 ta' Lulju 2023 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/311 (EUNAVFOR ATALANTA/2/2023) (ĠU L 179, 14.7.2023, p. 114).

- (5) Fit-13 ta' Ottubru 2023, il-Kumitat Militari tal-UE qabel li jirrakkomanda li l-KPS jaħtar lill-Komodor Rogério Paulo Figueira MARTINS de BRITO bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mit-2 ta' Diċembru 2023.
- (6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Rogério Paulo Figueira MARTINS de BRITO.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1457 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Komodor Rogério Paulo Figueira MARTINS de BRITO huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mit-2 ta' Diċembru 2023.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1457 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2023.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President